# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**FRAR 1933] IT-TIENI SENA [Nru 24**


## INĦAFFU L-KITBA TAL-MALTI!

Qal xi ħadd: "Aħna ma rridux infixklu tagħlim il-Malti; aħna rridu ngħinu kemm nifilħu l-kitba tal-Malti billi nħaffuha minn dak it-toqol ta' regoli li bihom għabbietha l-Għaqda."

Jekk il-kitba tagħna hi tassew tqila, jekk tħabbel il-moħħ, jekk fiha xi regoli żejda li jistgħu jitneħħew bla ebda ħsara tal-kitba aħna nkunu l-ewwel nies li nbiddlu fejn jaħtieġ u kemm jaħtieġ u ndaħħlu regoli oħra aktar ħfief. Inħaffu rridu, iżda nħassru lè; u għalhekk, tqila kemm hi tqila, ma nistgħu nnaqqsu l-ebda regola li tmiss fil-laħam il-ħaj il-grammatka u n-natura tal-lsien Malti. Ir-regoli tagħna, bħalma jaf kulħadd, huma mibnijin fuq il-grammâtka u fuq in-natura tal-Malti li ma hu, u la ingliż u l-anqas taljan; ir-regoli ma ħlaqniehomx aħna, twieldu u kibru mal-Malti, huma biċċa mill-ħajja tiegħu, u għalhekk ħadd ma jista' jmisshom.

Iżda ħa naraw ftit kif iridu jħaffu l-kitba tal-Malti dawk li ma jaqblux magħna. Jista' jkun li għajnejhom iwasslu aktar minn tagħna u jaraw fil-Malti dak li ma narawx aħna.

1. Aħna nagħżlu bejn *u* vokali u bejn *u* konsonanti. Meta tkun konsonanti niktbuha *w*; x'uħud jiktbuha ŭ, jiġifieri jafu jagħżlu bejn *u* vokali u bejn *u* konsonanti. Illum għall-ħeffa jridu jiktbu dejjem *u*. Il-*w* maqtula u midfuna, u minn fuq il-*u* tneħħa kull xkiel. Għalhekk flok ma jiktbu *twerwru* jew *tŭerŭru*, illum għall-ħeffa, jridu jiktbu *tueruru*; flok *ċens perpetwu* jew *perpetŭu* jiktbu *perpetuu*; flok *jilwu* jew *jilŭu* jiktbu *jiluu*; *iseuuu* flok *isewwu*. Ta' min hi l-eħfef kitba?

2. Meta l-*g* għandha l-ħoss ta' *gi* fit-taljan, niktbuha dejjem b' tikka fuq rasha, bla ma nqisu jekk għandhiex warajha vokali

jew konsonanti jew !iema vokali għandha warajha. U meta għandha l-ħoss ta *ghi*, niktbuha dejjem bla tikka. Iżda l-lum it-tikek ma għadhomx môda; tneħħiew għal kollox għall-ħeffa. Għalhekk flok *ġabar* jiktbu *giabar*, flok *ġobon* jiktbu *giobon*. U jekk il-*g* ikollha warajha konsonanti, il-kelma jaqsmuha fi tnejn b'apostrofu bejn iż-żewġ qasmiet, hekk: *g'bidna*, *g'bart*, *jig'bed*. U jekk il-*g* tkun f'tarf il-kelma, tinkiteb dejjem xorta waħda, għalhekk jiktbu : *legleg*, *niseg* u inti aqra kif trid. Dak li għidna għal *g* nistgħu ntennuh għal *c*. Hekk huma jiktbu *granc*, *ganc*, *manc*, *franc* li fihom ic-*c* ma għandhiex ħoss wieħed u madankollu ma għandha xejn li jagħżel u juri il-ħoss tagħha. Din ħeffa jew taħwid ta' kitba?

3. L-*x* fil-kliem ġejj mit-taljan għandha tibda tinkiteb *sc*, għalhekk flok *faxxa* jiktbu *fascia*. Iżda ma nafux kif sa jibda jinkiteb dan il-kliem ġejj mit-taljan; *faxx*, *baxx*, *caxxa*, *xcubetta* jew il-plural tal-istess *faxxia faxex*. Jatu regoli oħra għal dal-kliem? Jistgħu, jekk iridu. Jistgħu mqar jatu regola għal kull kelma, imma mbagħad ma jgħidux li jridu jħaffu l-kitba tal-Malti.

4. Il-*h* għandha tinkiteb dejjem mingħajr qatgħa, jiġifieri qatt ma tinkiteb *ħ*. Issa l-*h* xi drabi għandha ħoss għaliha bħal *ħaseb*, *daħal*, *rebaħ*; u xi drabi miżjuda biss biex tati lic-*c* u lill-*g* il-ħoss ta' *ca* u *ga*, bħal *chiteb*, *ghidem*. Biex tiġi tajba xi drabi jinzerta lil-*h*, meta għandu jkollha ħoss għaliha, tiġi bejn *c* jew *g* u *i* jew *e*; ara *tichil* mill-verb *kaħħal*. Kif jaqbad jaqra dil-kelma min sa jibda jitgħallem il-Malti? Issarraf dik l-*h* daqs konsonanti oħra, jew hi biċċa miċ-*c* li għandha l-ħoss ta' *ca*?

Ma rridux intawwlu iżjed b'din il-għanja, iżda min qal li jrid iħaffef il-kitba tal-Malti mhux jagħmel ħaġa oħra ħlief iħabbilha. Ir-regoli tagħna (u ngħidulhom *tagħna* għax huma tal-Malti tagħna) huma kollha magħqudin għaqda waħda li xejn ma jista' jħollha; ir-regoli tagħhom (u ngħidulhom *tagħhom* għax mhumiex tal-Malti) huma taħbila bla tarf li anqas huma qatt ma jifhmuha. Ir-regoli tagħna fissirniehom, bihom ktibna aħna u ħafna oħrajn, drahom kullħadd, ifissru issa huma r-regoli tagħhom bħalna, jiktbu bihom kotba oħra bħalna, idarruhom u jgħallmuhom, u min hu fis-sewwa jagħleb.